## XOGĦLIJIET

F'dawn il-ġimgħat qed nagħmlu xogħol ta' rinovazzjoni u tisbiħ fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku hekk li tkun aktar adattata għall-attivitajiet li nistgħu norganizzaw ġewwa fiha matul is-sena. Bil-mod il-mod ser nattrezzaw aħjar il-kċina u nkomplu nieħdu ħsieb il-ġnien li hu magħqud magħha.

F'dawn il-jiem sar xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fit-toilets tal-knisja parrokkjali tagħna, sabiex tiġi indirizzata l-problema tat-tixrib fil-ħitan ta' barra u ta' ġewwa.

F'dawn il-jiem li għaddew irranġajna s-sistema tal-aircondition tal-kappella ta' Santa Tereża ħdejn iċ-Ċimiterju l-antik, hekk li għandu s-saħħa jlaħħaq mal-kappella kollha speċjalment meta tkun mimlija bin-nies. Issa żgur li s-sħana ma taqtgħalniex qalbna u nibqgħu ninġabru numerużi għall-quddiesa ta' kull nhar ta' Ħadd fis-7.30am u ngħixuha bl-aħjar mod ħalli ma nitilfu xejn mill-qawwa li tista' tagħtina għall-ħajja tagħna ta' kuljum.

## ESPERJENZI

Il-Ħadd wara t-talba tal-Angelus fi Pjazza San Pietru Clyde u Saviour flimkien mal-grupp tal-abbatini Għawdxin iltaqgħu mal-Papa Franġisku li wara li sellimilhom personalment talab fuqhom il-barka ta' Alla. Jalla l-ferħ ta' din il-grazzja speċjali li kellhom huma jwassluha lil sħabhom l-abbatini u jkomplu jħeġġuhom biex jaqdu fil-liturġija tal-Knisja u jfittxu kontinwament dak li Alla jrid minnhom għaż-żmien ta' issa u għall-futur.

Nhar il-Ħamis 22 t'Awwissu ser tiġi organizzata attività sajfija għall-abbatini tal-parroċċa tagħna. U f'din l-okkażjoni Clyde u Saviour ser jirrakkuntawlhom l-esperjenza tagħhom f'Ruma u ser jagħtuhom tifkira ċkejkna li ġabulhom minn Ruma. Nitolbu sabiex jirnexxilna nibqgħu noffru esperjenzi sbieħ bħal dawn liż-żgħażagħ u t-tfal tagħna ħalli jiskopru s-sbuħija tal-ħajja Nisranija fil-Knisja u l-grazzja tas-sejħa li Alla qed jagħmel lil kull wieħed minna.




Il-kors għall-għarajjes fil-parroċċa tagħna jsir nhar ta' Sibt filgħaxija kull ġimagħtejn.

*Dun Krystof*

## AVVIŻI:

Nhar **l-Erbgħa 21 t'Awwissu** fil-Knisja Bażilika se ssir **laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha s-Sur Daniel Borg minn Ta' Sannat ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Kulħadd huwa mistieden. Tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

Nhar **il-Ħamis 22 t'Awwissu** se ssir **quddiesa fil-beraħ** fi Triq it-Tramuntana. Tkun quddiem il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża u tibda fit-8.00pm, fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Reġina. Waqt il-quddiesa tinġabar il-ferta. Tingħata tifkira tal-okkażjoni.

Nhar **is-Sibt 24 t'Awwissu** se ssir **il-festa tal-kappella ta' Kemmuna**. Trasport minn Għawdex fil-5.30pm. Ibbukkjaw fuq 99847099. Tintalab donazzjoni ta' €8.

Nhar **it-Tnejn 26 t'Awwissu** ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza ***FLOW#8*** (water games) għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet. L-attività tibda fil-5.30pm u tispiċċa għat-8.00pm. Importanti li jiġu bil-malja minn taħt u b'tibdila żejda. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 7.45am; 9.00am; 11.00am
**il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am